

Brussell, 28 ta' Awwissu 2023  
(OR. en)

12446/23

SOC 573  
EMPL 408  
ECOFIN 834  
COMPET 820  
FIN 871  
CADREFIN 111

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Awwissu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 482 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-attivitajiet tal-Fond ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) fl-2021 u fl-2022

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 482 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 482 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 11.8.2023  
COM(2023) 482 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar l-attivitajiet tal-Fond ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema  
Ssensjati (FEG) fl-2021 u fl-2022**

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) oriġinarjament ġie stabbilit fl-2007 biex jappoġġa lill-ħaddiema li jtilfu l-impjieg tagħhom minħabba l-globalizzazzjoni jew minħabba t-tibdil fix-xejriet tal-kummerċ dinji biex juri solidarjeta u jippromwovi l-impjieg deċenti u sostenibbli billi joffri assistenza fil-każ ta' kwalunkwe avveniment maġġuri ta' ristrutturar. Jagħmel dan billi jgħin lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom ma baqgħetx tadatta għall-bidla strutturali, billi jadattaw il-ħiliet tagħhom u jsibu impjegi ġodda.

L-ambitu tal-fond aktar 'il quddiem ġie adattat biex jappoġġa sensji li jirriżultaw mill-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

Għall-perjodu 2021-2027, ir-Regolament dwar il-FEG<sup>1</sup> ġie emendat ulterjorment sabiex il-fond ikun jista' jappoġġa lil aktar ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom. Issa, il-fond joffri wkoll appoġġ lill-ħaddiema ssensjati mhux biss f'każ ta' trasformazzjonijiet soċjoekonomiċi li huma r-riżultat tal-globalizzazzjoni u kriżi finanzjarja u ekonomika globali, iżda wkoll bħala riżultat ta' kwalunkwe avveniment kbir ta' ristrutturar, bħal bidliet strutturali relatati mal-globalizzazzjoni, kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, id-diġitalizzazzjoni jew l-awtomatizzazzjoni.

Bħala fond ta' emerġenza, il-FEG jopera b'mod reattiv biex jassisti lill-ħaddiema ssensjati affettwati minn avvenimenti maġġuri ta' ristrutturar. Huwa ggwidat minn, u jgħin fl-implimentazzjoni tal-prinċipji definiti taħt it-tliet kategoriji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali<sup>2</sup> (opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; u l-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali) u jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u ekonomika fost ir-reġjuni u l-Istati Membri. Dan iżid mal-programmi u s-servizzi prinċipali eżistenti ta' assistenza għar-ristrutturar għall-atturi fis-suq tax-xogħol, mingħajr ma jieħu post ir-riżorsi eżistenti.

Dan ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet u r-riżultati tal-FEG fl-2021 u l-2022. Is-sejbiet ewlenin huma spjegati fil-qosor hawn taħt.

- Matul il-perjodu ta' rapportar, ġew sottomessi 11-il applikazzjoni minn ħames Stati Membri, li jammontaw għal total ta' EUR 45,8 miljun (li minnhom EUR 6,8 miljun huma kontribuzzjoni nazzjonali u EUR 39 miljun huma kontribuzzjoni tal-FEG) u li huma mmirati lejn 5 182 ħaddiem. L-akbar numri ta' ħaddiema kienu fis-settur tat-trasport bl-ajru u fis-settur tal-manifattura tal-vetturi bil-mutur, tat-trejlers u tas-semitrejlers, segwiti mill-attivitajiet ta' ħżin u ta' appoġġ għas-settur tat-trasport.
- Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw 14-il deċiżjoni biex jimmobilizzaw il-finanzjament mill-FEG għal ammont totali ta' EUR 51,8 miljun biex jġu appoġġati 13 025 ħaddiem<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2021/691](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

<sup>2</sup> [Il-pjan ta' azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali](#)

<sup>3</sup> Mill-14-il deċiżjoni, ħamsa kienu dwar każijiet tal-FEG li waslu fi tmiem l-2020 (EGF/2020/002, EE/Estonia Tourism; EGF/2020/003, DE/GMH Guss; EGF/2020/004, NL/KLM; EGF/2020/005, BE/Swissport; u EGF/2020/006, FI/Finnair).

- Minħabba għadd baxx ħafna ta' każijiet fl-2018 u fl-2019, fl-2021 kien mistenni biss rapport finali wieħed. Ir-riżultati ta' dan ir-rapport urew li 79 % tal-ħaddiema li pparteċipaw fil-miżuri reġgħu lura fl-impjieg. Fir-rapport biennali li jmiss, li jkopri l-2023 u l-2024, huma mistennija 13-il rapport finali.

# WERREJ

1. Introduzzjoni .....	4
2. Analiżi tal-attivitajiet tal-FEG fl-2021 u l-2022.....	5
2.1. Applikazzjonijiet imressqa .....	5
2.1.1. Applikazzjonijiet imressqa, diżaggregati skont il-kawża tas-sensja u l-kriterju ta' intervent.....	7
2.1.2. Applikazzjonijiet imressqa skont is-settur (kif deskritt fin-NACE Rev. 2).....	7
2.1.3. Applikazzjonijiet ippreżentati skont in-numru ta' beneficijarji fil-mira .....	8
2.1.4. Applikazzjonijiet imressqa skont l-ammont mitlub .....	12
2.1.5. Applikazzjonijiet sottomessi skont l-ammont mitlub għal kull ħaddiem .....	13
2.2. Deċizzjonijiet adottati u kontribuzzjonijiet mogħtija .....	14
2.2.1. Miżuri ffinanzjati bl-għajjuna mill-FEG .....	17
2.2.2. Komplementarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni... ..	17
2.3. Applikazzjonijiet mhux approvati .....	18
2.4. Ir-riżultati miksuba mill-FEG.....	18
2.4.1. Valutazzjoni fil-qosor u kwalitattiva tar-riżultati rrapportati fl-2021 .....	19
2.4.2. Ir-rata ta' riintegrazzjoni għall-benefiċjarji megħjuna .....	20
2.5. Eżekuzzjoni finanzjarja .....	20
2.5.1. Il-kontribuzzjonijiet tal-FEG.....	20
2.5.2. Assistenza teknika .....	21
2.5.3. Irregolaritajiet irrappurtati.....	21
2.5.4. L-istralċ tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-FEG.....	22
2.6. Attivitajiet ta' assistenza teknika mwettqa mill-Kummissjoni.....	25
2.6.1. Informazzjoni u pubbliċità – sit web .....	25
2.6.2. Laqgħat mal-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati tal-FEG .....	25
2.6.3. Sistema ta' skambju elettroniku ta' data (SFC2021).....	25
2.6.4. Evalwazzjoni ex post tal-Kummissjoni tal-FEG 2014–2020 .....	26

# 1. Introduzzjoni

Permezz tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) 2021-2027<sup>4</sup> l-UE turi solidarjetà u tipprovdi appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja u għal persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet bħala riżultat ta' kwalunkwe avveniment maġġuri ta' ristrutturar, bħal bidliet strutturali relatati mal-globalizzazzjoni, kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, id-diġitalizzazzjoni jew l-awtomatizzazzjoni. Il-limitu tal-eliġibbiltà tnaqqas minn 500 (matul il-perjodu 2014-2020) għal 200 (għall-perjodu 2021-2027) ħaddiem issensjat. Barra minn hekk, ir-rata ta' kofinanzjament tal-FEG inbidlet minn 60 % (għall-perjodu 2014-2020) għall-ogħla rata ta' kofinanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) fl-Istat Membru rilevanti<sup>5</sup> jew 60 %, skont liema tkun l-ogħla (għall-perjodu 2021-2027). Dan it-tfassil mill-ġdid tal-FEG 2021-2027 għandu l-għan li jiżgura inklussività akbar u joffri aktar flessibbiltà biex jiġu indirizzati aħjar l-isfidi ekonomiċi attwali u futuri.

Biex jgħin lill-ħaddiema ssensjati jsibu impjegi ġodda, il-FEG jikkofinanzja miżuri tas-suq tax-xogħol attivi implimentati mill-Istati Membri. Dan jissupplimenta l-miżuri nazzjonali fil-każ ta' sensji kollettivi f'daqqa kkawżati minn kwalunkwe tip ta' avveniment maġġuri ta' ristrutturar imsemmi hawn fuq, u jipprovdi approċċ aktar personalizzat u mmirat għall-ħaddiema ssensjati l-aktar vulnerabbli.

F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (2021-2027)<sup>6</sup>, il-Kummissjoni qed tindirizza dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, billi tipprovdi valutazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva tal-attivitajiet tal-FEG matul dawn l-aħħar sentejn.

Ir-rapport jiffoka fuq ir-riżultati miksuba mill-FEG u fih informazzjoni, b'mod partikolari, dwar:

- l-applikazzjonijiet imressqa;
- id-deċiżjonijiet adottati;
- l-azzjonijiet iffinanzjati, inklużi l-komplementarjetà tagħhom ma' azzjonijiet iffinanzjati minn strumenti oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-FSE+;
- statistika dwar ir-rata ta' riintegrazzjoni għal benefiċjarji għal kull Stat Membru;

---

<sup>4</sup> Stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, emendat mir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2006, u wara bir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 u għall-perjodu 2021-2027 soġġett għar-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-28 April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG).

<sup>5</sup> L-Artikolu 112(3) tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-24 ta' Ġunju 2021 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159) jstabbilixxi r-rati ta' kofinanzjament tal-FSE+ għal 85 % għar-reġjuni anqas żviluppatti, għal 70 % għar-reġjuni fi tranżizzjoni li ġew ikklassifikati bħala reġjuni anqas żviluppatti għall-perjodu 2014-2020-2020, għal 60 % għar-reġjuni fi tranżizzjoni, għal 50 % għar-reġjuni aktar żviluppatti li kienu kklassifikati bħala reġjuni fi tranżizzjoni jew li kellhom PDG *per capita* taħt il-100 % għall-perjodu 2014-2020 u għal 40 % għar-reġjuni aktar żviluppatti.

<sup>6</sup> ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

- l-istralè tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji; u
- l-applikazzjonijiet miċħuda.

Ir-rapport jikkonkludi billi jippreżenta r-risultati tal-evalwazzjoni *ex post* tal-Kummissjoni tal-FEG 2014-2020, ippubblikata fit-13 ta' Diċembru 2021.

## **2. Analiżi tal-attivitajiet tal-FEG fl-2021 u l-2022**

### **2.1. Applikazzjonijiet imressqa**

Fl-2021 u fl-2022, il-Kummissjoni rċeviet 11-il applikazzjoni minn ħames Stati Membri: il-Belġju, il-Greċja, Spanja, Franza u l-Italja. Il-11-il applikazzjoni koprew total ta' EUR 45,8 miljun (kontribuzzjonijiet nazzjonali u tal-FEG ikkombinati), u kienu mmirati lejn 5 182 ħaddiem. Dawn il-ħames Stati Membri kollha kienu qabel applikaw għal finanzjament mill-FEG. Id-dettalji tal-applikazzjonijiet jinsabu fit-Tabella 1.

**Tabella 1: Applikazzjonijiet imressqa fl-2021 u l-2022**

Referenzja: P17 nza għall-FEG	Stat Membru	Titlu tal-każ	Settur f'denominazzjoni qasira	NACE Rev. 2 division	Data tal-applikazzjoni	Art. 4. Kriterji ta' Intervent	Kummerè / Sengħa	Kontribuzzjoni nazzjonali (€)(40 % <sup>ġew</sup> inqas tal-ammont tal-każijiet totali)	Kontribuzzjoni FEG (€)(60 % <sup>ġew</sup> aktar tal-ammont tal-każijiet totali)	Rata ta' ko-finanzjament tal-FEG (%)	Numru ta' ħaddiema ssensjati	Numru ta' ħaddiema fil-mira	Slehen ta' ħaddiema fil-mira vs ħaddiema ssensjati	Ammont medju tal-FEG għal kull ħaddiem fil-mira
								A	B	C	D	E	E/D	B/E
EGF/2021/001	ES	Pais Vasco metal	Industrija tax-xogħol tal-metall	25	25/06/2021	4(2)(b)	Kriżi (COVID-19)	214,343	1,214,607	85%	491	300	61%	4,049
EGF/2021/002	IT	Air Italy	Trasport bl-ajru	51	15/07/2021	4(2)(a)	Kriżi korporattiva	683,760	3,874,640	85%	611	611	100%	6,341
EGF/2021/003	IT	Porto Canale	Attivitajiet ta' ħżin u appoġġ għat-trasport	52	15/07/2021	4(3)	Sengħa	263,543	1,493,407	85%	190	190	100%	7,860
EGF/2021/004	ES	Aragón automotive	Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers	29	26/07/2021	4(2)(b)	Kriżi (COVID-19)	247,917	1,404,863	85%	1,052	320	30%	4,390
EGF/2021/005	FR	Airbus	Manifattura ta' tagħmir tat-trasport	30	26/07/2021	4(2)(a)	Kriżi (COVID-19)	660,930	3,745,264	85%	508	297	58%	12,610
EGF/2021/006	ES	Cataluña automotive	Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semi-karrijiet	29	23/09/2021	4(2)(b)	Sengħa	493,263	2,795,156	85%	705	450	64%	6,211
EGF/2021/007	FR	Selecta	Kummerè bl-ingrossa, minbarra vetturi bil-mutur u	46	12/10/2021	4(2)(a)	Kriżi (COVID-19)	348,918	1,977,200	85%	366	366	100%	5,402
EGF/2021/008	EL	Attica Manifattura ta' tagħmir elettriku	Manifattura ta' tagħmir elettriku	27	21/12/2021	4(2)(b)	Sengħa	263,970	1,495,830	85%	206	206	100%	7,261
EGF/2022/001	FR	Air France	Trasport bl-ajru u Manutenzjoni tal-inġenji tal-	51; 33	21/01/2022	4(2)(a)	Kriżi (COVID-19)	3,131,049	17,742,607	85%	1,580	1,580	100%	11,229
EGF/2022/002	BE	TNT	Attivitajiet ta' ħżin u appoġġ għat-trasport	52	18/10/2022	4(2)(a)	kwizizzjoni ta' kumpar	345,247	1,956,397	85%	559	559	100%	3,500
EGF/2022/003	ES	Alu Ibérica	Manifattura ta' metalli bażiċi	24	30/11/2022	4(2)(a)	Sengħa	225,000	1,275,000	85%	303	303	100%	4,208
Numru totali ta' applikazzjonijiet riċevuti fl-2021 u fl-2022: 11						4(1)(a)=64 1)(b)=4 4(2)=1	<b>Total</b>	<b>6,877,940</b>	<b>38,974,971</b>		<b>6,571</b>	<b>5,182</b>	<b>79%</b>	<b>7,521</b>
							<b>Medja għal 11-il applikazzjoni</b>	<b>625,267</b>	<b>3,543,179</b>		<b>597</b>	<b>471</b>		

*2.1.1. Applikazzjonijiet imressqa, diżaggregati skont il-kawża tas-sensja u l-kriterju ta' intervent*

Il-11-il applikazzjoni sottomessi fl-2021 u fl-2022 kienu koperti mir-Regolament 2021/691. Ir-raġunijiet ewlenin li l-Istati Membri taw għas-sensji kienu kif ġej:

❖ **Tibdil strutturali kbir fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni**

Il-Greċja, Spanja u l-Italja ppreżentaw erba' applikazzjonijiet b'referenza għal raġunijiet ta' globalizzazzjoni relatati mal-kummerċ, li waħda minnhom (EGF/2021/003 IT/Porto Canale) kienet iġġustifikata billi kienet suq tax-xogħol żgħir<sup>7</sup>.

❖ **L-effetti tal-kriżi tal-COVID-19**

Ħames applikazzjonijiet kienu relatati mal-kriżi tal-COVID-19. Żewġ Stati Membri (Spanja u Franza) ippreżentaw applikazzjonijiet relatati mas-sensji f'setturi partikolarment affettwati mit-tifqigħa tal-COVID-19: l-industrija tax-xogħol tal-metall; il-manifattura ta' vetturi bil-mutur; il-manifattura ta' tagħmir tat-trasport; u t-trasport bl-ajru u l-manutenzjoni bl-ajru.

❖ **Oħrajn**

Applikazzjoni waħda ġiet sottomessa wara kriżi korporattiva (EGF/2021/002 IT/Air Italy) u waħda minħabba akkwiżizzjoni ta' kumpanija (EGG/2022/002 BE/TNT).

*2.1.2. Applikazzjonijiet imressqa skont is-settur (kif deskritt fin-NACE Rev. 2)<sup>8</sup>*

Il-11-il applikazzjoni kienu jikkonċernaw sensji f'disa' setturi differenti:

- 1) Trasport bl-ajru (żewġ applikazzjonijiet)
- 2) Ħżin u attivitajiet ta' appoġġ għat-trasport (żewġ applikazzjonijiet)
- 3) Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers (żewġ applikazzjonijiet)
- 4) L-industrija tax-xogħol tal-metall
- 5) Manifattura ta' tagħmir tat-trasport
- 6) Kummerċ bl-ingrossa, għajr ta' vetturi bil-mutur u muturi (magni tal-bejgħ awtomatiċi)
- 7) Manifattura ta' tagħmir elettriku
- 8) Manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru
- 9) Manifattura ta' metalli bażiċi.

---


<sup>7</sup> L-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament tal-FEG jirrikjedu li tal-inqas 200 ħaddiem ikunu ngħataw is-sensja fuq perjodu ta' referenza ta' 4 xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi l-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja mill-fornituri u mill-produtturi fl-istadju aħħari tal-produzzjoni u/jew persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet. F'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament tal-FEG, applikazzjoni tista' tidderoga minn dawn il-kriterji jekk il-każ ikun jikkonċerna suq tax-xogħol żgħir u s-sensji jkollhom impatt serju fuq l-impjiegi u fuq l-ekonomija lokali u reġjonali.

<sup>8</sup> NACE Rev. 2, Klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea: <https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-manuals-and-guidelines/-/KS-RA-07-015>.

L-akbar għadd ta' ħaddiema fil-mira kienu fis-settur tat-trasport bl-ajru (2 153), segwit mill-manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers (770) u mbagħad ħżin u attivitajiet ta' appoġġ għas-settur tat-trasport (749), ara ċ-Ċart 1.

Applikazzjoni waħda, minn Franza, kienet tikkonċerna aktar minn settur ta' attività wieħed.


**Ċart 1: Numru ta' ħaddiema fil-mira skont is-settur\* (livell tad-diviżjoni tan-NACE Rev. 2) fl-2021-2022**



### 2.1.3. Applikazzjonijiet ippreżentati skont in-numru ta' benefiċjarji fil-mira

Il-11-il applikazzjoni sottomessi fl-2021 u fl-2022 kienu relatati ma' 6 571 sensja. L-għadd totali ta' ħaddiema fil-mira għall-appoġġ mill-FEG kien ta' 5 182 (ara t-Tabella 1). Franza talbet l-appoġġ tal-FEG għall-akbar numru ta' ħaddiema (2 243), segwita minn Spanja (1 373) u l-Italja (801). In-numru medju ta' benefiċjarji fil-mira għal kull applikazzjoni kien ta' 471, ara ċ-Ċart 2.

**Ċart 2: Għadd ta' ħaddiema fil-mira skont l-Istati Membri fl-2021-2022**



*In-numru ta' applikazzjonijiet imressqa huwa indikat fil-parentesi.*

**Numru totali ta' ħaddiema fil-mira: 5 182**


**Numru medju ta' ħaddiema fil-mira: 471**

Mill-ħaddiema kollha fil-mira, 65 % kienu rġiel, 71 % kellhom 30-54 sena u 57 % kienu lestew jew edukazzjoni sekondarja għolja jew edukazzjoni postsekondarja. Madankollu, il-profil tal-ħaddiema skont il-ġeneru jvarja b'mod sinifikanti bejn il-każijiet. L-applikazzjoni Franċiża (it-trasport bl-ajru) immirat lejn livell ta' 56 % nisa. B'kuntrast għal dan, l-applikazzjonijiet Spanjoli u Taljani koprew lin-nisa sa livell ta' 3 % u 9 %, rispettivament; dawn l-applikazzjonijiet kienu jikkonċernaw is-settur tal-manifattura tal-metalli bażiċi u l-ħżin u l-attivitajiet ta' appoġġ għas-settur tat-trasport, żewġ setturi li tradizzjonalment kienu jimpjegaw l-aktar irġiel. Ara ċ-Ċarts 3 sa 6 hawn taħt.


Jista' jkun hemm differenzi bejn in-numru ta' ħaddiema affettwati minn avveniment ta' ristrutturar u n-numru fil-mira għal appoġġ tal-FEG jekk l-Istat Membru jiddeċiedi li jiffoka fuq gruppi speċifiċi ta' persuni, bħall-ħaddiema l-aktar vulnerabbli, dawk li jiffaċċjaw diffikultajiet eċċezzjonali fis-suq tax-xogħol u/jew dawk l-aktar fil-bżonn ta' għajna. Barra minn hekk, l-appoġġ standard disponibbli għall-ħaddiema ssensjati fl-Istati Membri f'xi każijiet jista' jkun biżżejjed biex jerġa' jintegrahom malajr fl-impjieg jew, f'ċerti każijiet, il-ħaddiema jistgħu jagħżlu li jirtiraw kmieni. F'każijiet bħal

dawn, intervent tal-FEG li, bis-saħħa tal-bażi ġuridika, jipprovdi appoġġ lil hinn mill-appoġġ standard ma huwiex meħtieġ.


**Ċart 3: Profil tal-ħaddiema fil-mira skont il-ġeneru u għal kull applikazzjoni**




**Ċart 4: Profil tal-ħaddiema fil-mira skont il-ġeneru**



**Ċart 5: Profil tal-ħaddiema fil-mira skont il-livell ta' edukazzjoni**



**Ċart 6: Profil tal-ħaddiema fil-mira skont l-età**



#### *2.1.4. Applikazzjonijiet imressqa skont l-ammont mitlub*


Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-FEG tikkomplementa l-miżuri tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. L-Istat Membru applikant irid jiżgura li l-miżuri li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma jirċevux appoġġ finanzjarju ieħor mill-baġit tal-UE u li dawn jikkonformaw mar-regoli dwar l-għajjuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-miżuri appoġġati mill-FEG ma għandhom jieħdu post l-ebda miżura li hija r-responsabbiltà ta' kumpaniji bis-saħħa tal-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi.

Kull Stat Membru li japplika għall-appoġġ tal-FEG għandu jfassal pakkett ikkoordinat ta' miżuri li jaqbel l-aħjar mal-profil tal-benefiċjarji fil-mira. Ir-Regolament (UE) 2021/691 jistabbilixxi r-rata ta'

kofinanzjament tal-FEG bl-ogħla rata ta' kofinanzjament tal-FSE+ fl-Istat Membru rilevanti jew 60 %, skont liema tkun l-ogħla.

Intalab ammont totali ta' EUR 38 974 971 għal appoġġ tal-FEG għall-11-il każ. Franza talbet l-akbar ammont (EUR 23 465 071) għal tliet applikazzjonijiet, segwita minn Spanja (EUR 6 689 626) għal erba' applikazzjonijiet, u mill-Italja (EUR 5 368 047 għal żewġ applikazzjonijiet. Il-kontribuzzjonijiet tal-FEG mitluba varjaw minn EUR 1 214 607 sa EUR 17 742 607, b'medja ta' EUR 7 794 994 għal kull Stat Membru u EUR 3 543 179 għal kull applikazzjoni.

**Ċart 7: L-ammonti totali tal-FEG (f'EUR) mitluba fl-2021-2022, skont l-Istat Membru**




*In-numru ta' applikazzjonijiet imressqa huwa indikat fil-parentesi.*

**Ammont totali mitlub mill-FEG: EUR 38 974 971**  
**Ammont medju tal-FEG mitlub minn kull Stat Membru: EUR 7 794 994**

### *2.1.5. Applikazzjonijiet sottomessi skont l-ammont mitlub għal kull ħaddiem*

Ir-Regolament (UE) 2021/691 ma jillimitax l-ammont mitlub għal kull ħaddiem fil-mira. Dan l-ammont jista' jvarja skont is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol affettwat, iċ-ċirkostanzi individwali tal-ħaddiema fil-mira, il-miżuri diġà pprovduti mill-Istat Membru u l-kost tal-għoti tas-servizzi fl-Istat Membru kkonċernat. Dan jispjega għaliex l-ammonti proposti tal-appoġġ tal-FEG għal kull ħaddiem fl-2021 u l-2022 varjaw minn EUR 3 500 sa EUR 10 461 b'medja ta' EUR 7 521. L-ogħla ammont medju għal kull ħaddiem ġie mitlub minn Franza (EUR 10 461), u l-aktar wieħed baxx mill-Belġju (EUR 3 500).

**Ċart 8: Ammont tal-FEG (f'EUR) mitlub għal kull ħaddiem u għal kull Stat Membru fl-2021–2022**



*In-numru ta' applikazzjonijiet imressqa huwa indikat fil-parentesi.*

**Ammont medju mitlub mill-FEG għal kull benefiċjarju: EUR 7 521**

## 2.2. Deċiżjonijiet adottati u kontribuzzjonijiet mogħtija

Il-FEG huwa strument ta' assistenza ta' emerġenza, barra mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali. Il-kofinanzjament ta' kull każ irid jiġi approvat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

Fl-2021-2022, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw 14-il deċiżjoni biex jimmobilizzaw il-finanzjament tal-FEG, li minnhom ħamsa kienu jikkonċernaw applikazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 1309/2013 li waslu fl-2020. Għalhekk, it-Tabella 2 tkopri sett differenti ta' każijiet mit-Tabella 1, li turi l-applikazzjonijiet sottomessi fl-2021 u fl-2022.

Il-każijiet mill-2020 kellhom rata ta' kofinanzjament tal-FEG ta' 60 % għall-Istati Membri kollha. Skont ir-Regolament 2021/691 il-ġdid, li japplika għall-applikazzjonijiet li jaslu mill-2021 'il quddiem, ir-rata ta' kofinanzjament tal-FEG hija jew l-ogħla rata ta' kofinanzjament tal-FSE+ fl-Istat Membru rilevanti jew 60 % għall-każijiet li jaslu mill-2021 (ir-Regolament (UE) 2021/691). L-Istati Membri li applikaw fl-2021 u fl-2022 kollha huma intitolati għal rata ta' kofinanzjament ta' 85 %<sup>9</sup>.

<sup>9</sup> Ir-rata ta' kofinanzjament ta' 85 % kienet applikabbli minħabba li dawn l-Istati Membri kollha kellhom mill-inqas reġjun wieħed anqas żviluppat.

L-14-il kontribuzzjoni mogħtija kienu mmirati lejn 13 025 ħaddiem f'disa' Stati Membri<sup>10</sup>, b'ammont totali ta' EUR 51 790 562 ta' kofinanzjament tal-FEG u medja ta' EUR 3 976 għal kull ħaddiem fil-mira. Mit-13 025 ħaddiem fil-mira, 56 % kienu rġiel u 76 % kienu taħt l-età ta' 54 sena.

---

<sup>10</sup> Il-Belġju, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, in-Netherlands u l-Finlandja.

**Tabella 2: Dettalji tal-kontribuzzjonijiet mogħtija fl-2021 u l-2022  
(Data tal-iffirmar mill-Awtorità Baġitarja fl-2021 u fl-2022)**

Referenza għall-FEG	Stat Membru	Każ	Data tal-applikazzjoni	Art. 4. Kriterji ta' intervent	Kummerċ / Kriżi	Kontribuzzjoni nazjonali (€)	Kontribuzzjoni tal-FEG mogħtija (€)	Numru ta' ħaddiema fil-mira	Kontribuzzjoni medja tal-FEG mill-ħaddiema (€)	Irgjel fil-mira	Nisa fil-mira	Taħt il-54 sena fil-mira	Ikkar minn 54 sena fil-mira	Data tal-Firmamijl-Awtorità Baġitarja	Data tal-pagament(trasferiment bankarju)
EGF/2020/002	EE	Estonia Tourism	12/11/2020	c (Ċirkostanzi eċċezzjonali)	Kriżi (COVID-19)	2,982,987	4,474,480	5,060	884	1,970	3,090	4,030	1,030	20/05/2021	01/06/2021
EGF/2020/003	DE	GMH Guss	15/12/2020	a	Kummerċ	721,138	1,081,706	476	2,272	455	21	300	176	08/06/2021	17/06/2021
EGF/2020/004	NL	KLM	22/12/2020	a	Kriżi (COVID-19)	3,346,146	5,019,218	1,201	4,179	933	268	824	377	08/06/2021	17/06/2021
EGF/2020/005	BE	Swissport	22/12/2020	a	Kriżi (COVID-19)	2,479,483	3,719,224	1,468	2,534	1,086	382	1,268	200	08/06/2021	17/06/2021
EGF/2020/007	FI	Finnair	30/12/2020	a	Kriżi (COVID-19)	1,168,240	1,752,360	500	3,505	280	220	359	141	08/06/2021	17/06/2021
EGF/2021/001	ES	País Vasco metal	25/06/2021	b	Kriżi (COVID-19)	214,343	1,214,607	300	4,049	265	35	238	62	25/11/2021	09/12/2021
EGF/2021/002	IT	Air Italy	15/07/2021	a	Kriżi korporattiva	683,760	3,874,640	611	6,341	317	294	423	188	15/12/2021	27/12/2021
EGF/2021/003	IT	Porto Canale	15/07/2021	Suq tax-Xogħol	Kummerċ	263,543	1,493,407	190	7,860	172	18	187	3	15/12/2021	27/12/2021
EGF/2021/004	ES	Aragón automotive	26/07/2021	b	Kriżi (COVID-19)	247,917	1,404,863	320	4,390	211	109	193	127	15/12/2021	27/12/2021
EGF/2021/005	FR	Airbus	26/07/2021	a	Kriżi (COVID-19)	660,930	3,745,264	297	12,610	236	61	257	40	16/02/2022	28/02/2022
EGF/2021/006	ES	Cataluña automotive	23/09/2021	b	Kummerċ	493,263	2,795,156	450	6,211	250	200	293	157	09/03/2022	14/03/2022
EGF/2021/007	FR	Selecta	12/10/2021	a	Kriżi (COVID-19)	348,918	1,977,200	366	5,402	285	81	283	83	24/03/2022	04/04/2022
EGF/2021/008	EL	Attica Manifattura ta' tagħmir elettriku	21/12/2021	b	Kummerċ	263,970	1,495,830	206	7,261	180	26	163	43	23/06/2022	01/07/2022
EGF/2022/001	FR	Air France	21/01/2022	a	Kriżi (COVID-19)	3,131,049	17,742,607	1,580	11,229	695	885	1,094	486	23/06/2022	01/07/2022
<b>Ċifri totali</b>						<b>17,005,687</b>	<b>51,790,562</b>	<b>13,025</b>	<b>3,976</b>	<b>7,335</b>	<b>5,690</b>	<b>9,912</b>	<b>3,113</b>		
Numru totali ta' deċizzjonijiet u pagamenti fl-2021 u l-2022: 14				a=8b=4Ċirk. Eċċ.=1Suq tax-Xogħol=1	Kriżi = 10Kummerċ = 4	1,214,692	3,699,326	930		56%	44%	76%	24%	Ċifri medji għal 14-il każ	

### *2.2.1. Miżuri ffinanzjati bl-għajnuna mill-FEG*

Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 2021/691, kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG tista' tappoġġa miżuri attivi tas-suq tax-xogħol li jagħmlu parti minn pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira - u, b'mod partikolari dawk l-aktar żvantaġġati fosthom, f'impjieġ jew f'impjieġ għal rashom.

Il-miżuri dwar l-impjieġi attivi approvati fl-2021 u fl-2022 għall-kontribuzzjoni tal-FEG kienu jikkonsistu prinċipalment mit-tipi ta' miżuri li ġejjin:

- gwida okkupazzjonali;
- għajnuna intensiva personalizzata għat-tfittix ta' impjieġ;
- firxa ta' taħriġ mill-ġdid, titjib tal-ħiliet u taħriġ vokazzjonali, inkluż taħriġ orizzontali u ta' ħiliet personali, taħriġ fl-intraprenditorija u programmi ta' edukazzjoni għolja;
- konsulenza u mentoraġġ għal impjieġ mill-ġdid u mentoraġġ waqt il-faġi inizjali tal-impjieġ il-ġdid;
- promozzjoni tal-intraprenditorija u kontribuzzjonijiet għall-bidu ta' negozju;
- inċentivi ta' darba biss għal riallokazzjoni malajr u inċentivi biex jiġu impjegati persuni ġodda; u
- diversi allowances (eż. tiftix ta' impjieġ, taħriġ) u kontribuzzjonijiet (eż. lejn l-ispiża tal-ivvjaġġar jew il-kura ta' persuni dipendenti).

Fit-tfassil tal-pakketti ta' appoġġ tagħhom, l-Istati Membri qiesu l-isfond, l-esperjenza u l-livell ta' edukazzjoni tal-benefiċjarji individwali, il-mobbiltà tagħhom, l-opportunitajiet ta' impjieġ attwali jew mistennija fir-reġjuni kkonċernati, u r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar. F'konformità mal-Artikolu 7.2, l-Istati Membri kkonfermaw ukoll li d-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali u f'ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi tqies fit-tfassil tal-pakketti ta' appoġġ tagħhom.

### *2.2.2. Komplementarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni*

Il-FEG għandu l-għan li jżid l-impjegabbiltà u jiffaċilita r-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira fl-impjieġ deċenti u sostenibbli malajr kemm jista' jkun permezz ta' miżuri attivi tas-suq tax-xogħol. Il-miżuri tal-FEG dejjem jiġu offruti bħala żieda mal-miżuri nazzjonali regolari u/jew biex dawn jiġu intensifikati, u b'hekk jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-addizzjonalità tal-miżuri tal-FEG.

Il-fond jikkomplementa l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), li huwa l-istrument ewlieni tal-UE għall-promozzjoni tal-impjieġi. Il-komplementarjetà taż-żewġ fondi tinstab fil-kapaċità tagħhom li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet minn perspettivi ta' żmien differenti. Il-FEG jipprovdi appoġġ għal ħaddiema ssensjati jew għal dawk li jaħdmu għal rashom b'reazzjoni għal avveniment speċifiku ta' ristrutturar fuq skala kbira li jirriżulta f'għadd kbir ta' sensji fuq perjodu qasir ta' żmien. Huwa joffri appoġġ konkret f'sitwazzjoni ta' kriżi, filwaqt li l-FSE+ jappoġġa – b'mod antiċipatorju – għanijiet strateġiċi u fit-tul (eż. iż-żieda tal-kapital uman u l-ġestjoni tal-bidla) permezz ta' programmi pluriennali.

Il-FEG jippermetti lill-Istati Membri joffru lill-benefiċjarji fil-mira għajnuna mmirata mfassla apposta u aktar profonda, inklużi miżuri li kieku normalment ma kienx ikollhom aċċess għalihom (eż. edukazzjoni tat-tieni jew tat-tielet livell). L-esperjenza wriet li l-FEG jipprovdi opportunità biex jitfasslu servizzi personalizzati biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' ħaddiema individwali li ngħataw is-sensja, li jaqbżu ferm dak li jista' jiġi pprovdut minn korsijiet u azzjonijiet standard. B'kuntrastr għal dan, l-appoġġ tal-FSE+ huwa mmirat lejn taqsima usa' tal-popolazzjoni (kemm dawk li jaħdmu kif ukoll dawk li ma jaħdmux).

Il-FEG jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu proporzjon aħjar ta' konsulent-benefiċjarju u appoġġ aktar fit-tul. Dan iżid il-prospetti tal-benefiċjarji fit-tiġib tas-sitwazzjoni tagħhom.

Xi drabi, il-miżuri tal-FEG u l-FSE+ jintużaw mill-Istati Membri biex jikkomplementaw lil xulxin sabiex jipprovdu soluzzjonijiet għal żmien qasir kif ukoll fuq żmien itwal. Fil-livell tal-każijiet, il-FEG normalment jibni fuq il-miżuri eżistenti, kemm nazzjonali kif ukoll tal-FSE+, billi jsaħħaħhom jew billi joffri miżuri differenti u addizzjonali. Il-kriterju deċiżiv huwa l-potenzjal tal-istrumenti disponibbli li jgħinu lill-benefiċjarji fil-mira, u huwa f'idejn l-Istati Membri biex jagħżlu u jipprogramaw l-istrumenti u l-azzjonijiet ħalli jkunu jistgħu jintlaħqu bl-aħjar mod l-oġettivi mixtieqa.

F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, id-deċiżjoni dwar jekk għandux jintuża l-finanzjament tal-FSE+ jew tal-FEG issir fil-livell tal-Istati Membri. Huwa f'idejn l-Istati Membru biex jimmaniġġaw il-komplementarjetà bejn iż-żewġ fondi bl-aħjar mod possibbli meta jitqiesu l-kundizzjonijiet lokali prevalenti dak iż-żmien.

Kif stipulat fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) 2021/691, l-Istati Membri kollha jridu jdaħħlu fis-seħħ il-mekkaniżmi meħtieġa biex jipprevjenu kwalunkwe riskju ta' finanzjament doppju mill-istrumenti finanzjarji tal-UE. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-Awtorità Maniġerjali tal-FSE+ hija wkoll responsabbli għall-implimentazzjoni tal-FEG. Dan jippermetti lill-Istati Membri jiżguraw il-komplementarjetà tad-diversi interventi.

### **2.3. Applikazzjonijiet mhux approvati**

Fl-2021 u fl-2022 ma ġiet miċħuda l-ebda applikazzjoni mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

### **2.4. Ir-riżultati miksuba mill-FEG**

Is-sorsi ewlenin ta' informazzjoni dwar ir-riżultati miksuba mill-FEG huma r-rapporti finali tal-Istati Membri, li għandhom jiġu sottomessi mhux aktar tard minn 6 xhur wara t-tmiem tal-implimentazzjoni. Dawn huma ssupplimentati b'informazzjoni kondiviża mill-Istati Membri fil-kuntatt dirett tagħhom mal-Kummissjoni, eż. matul laqgħat u konferenzi, u b'rabta mal-evalwazzjoni u xogħol ta' awditu. Ir-riżultati ewlenin u d-*data* rrapportati minn Stat Membru wieħed fl-2021 huma miġbura fil-qosor f'din it-taqsima.

### 2.4.1. Valutazzjoni fil-qosor u kwalitattiva tar-riżultati rrapportati fl-2021

Fl-2021, il-Kummissjoni rċeviet rapport finali wieħed għall-każijiet kofinanzjati tal-FEG implimentati mill-Greċja bejn it-22 ta' Awwissu 2018 u t-22 ta' Awwissu 2020. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, fuq talba tal-Istat Membru, il-perjodu ta' implimentazzjoni ġie sospiż għal 4 xhur, sakemm tneħħew il-miżuri ta' lockdown. L-iskadenza għat-twettiq tal-azzjonijiet ġiet posposta sat-22 ta' Diċembru 2020 u n-nefqa fuq is-servizzi personalizzati għall-benefiċjarji fil-mira kienet eliġibbli wkoll sal-istess data<sup>11</sup>.

Iċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet tal-kompjuter miksuba li jeħtieġu ttestjar fil-kamra ma setgħetx issir wara l-introduzzjoni mill-ġdid tal-miżuri ta' tbeġħid soċjali fil-Greċja mis-7 ta' Novembru 2020. Għalhekk, il-Greċja talbet estensjoni tal-perjodu ta' implimentazzjoni għat-testijiet taċ-ċertifikazzjoni tal-IT biss. Il-Kummissjoni tatha. It-testijiet taċ-ċertifikazzjoni setgħu jsiru sat-22 ta' Ġunju 2021 u l-kostijiet assoċjati baqgħu eliġibbli sa dik id-data.

Il-pakkett ta' miżuri kien jinkludi: konsulenza vokazzjonali, taħriġ (inklużi moduli ta' taħriġ għal ħiliet bażiċi fl-IT kif ukoll edukazzjoni terzjarja dwar il-kontabbiltà u l-finanzi, il-ħdim tad-deheb u tal-fidda u fl-Ingliż, l-appoġġ għall-bidu ta' negozju, il-benefiċċji tar-reklutaġġ u l-allowances għat-tfittix ta' impjeg u t-taħriġ.

- *Konsulenza vokazzjonali:* Il-296 parteċipant kollha rċevew 25 sessjoni ta' konsulenza individwali ta' 45 minuta kull waħda. L-eżitu tas-sessjonijiet kien pjanijiet individwali għad-dħul mill-ġdid fl-impjeg. Għal dawk li qed jippjanaw li jibdeu jaħdmu għal rashom, uħud mis-sessjonijiet kienu ddedikati għat-tfassil ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju.
- *Taħriġ:* Madwar 90 % tal-ħaddiema (266) ipparteċipaw fit-taħriġ. Il-ħaddiema kollha minbarra tlieta segwew taħriġ li kien fih tliet moduli: 120 siegħa ta' ħiliet bażiċi tal-IT, inkluż fuq Microsoft Office (Word, Excel, PowerPoint u Access), il-media soċjali, il-kummerċ elettroniku u t-tranżazzjonijiet elettroniki; 100 siegħa ta' ħiliet personali, bħar-relazzjonijiet pubbliċi, il-komunikazzjoni, l-intelliġenza emozzjonali, it-tekniki ta' negozjar u l-kooperazzjoni; u 80 siegħa ta' "ħiliet speċjalizzati". Il-parteċipanti jistgħu jagħżlu minn varjetà ta' taħriġ, pereżempju, il-media soċjali u l-kummerċjalizzazzjoni, il-ġurnaliżmu online, il-ġestjoni tan-negozju, it-tekniki tal-kummerċjalizzazzjoni u t-tekniki tal-bejgħ. Tliet ħaddiema għażlu programmi oħra ta' taħriġ (edukazzjoni tat-tielet livell dwar il-kontabbiltà u l-finanzi, il-ħdim tad-deheb u tal-fidda, u l-Ingliż).
- *Kontribuzzjoni għall-ħolqien tan-negozju:* Ingħataw 18-il kontribuzzjoni għall-ħolqien tan-negozju u 20 ħaddiem ġew impjegati mill-ġdid bħala persuni li jaħdmu għal rashom fi tmiem il-perjodu ta' intervent.
- *Benefiċċji għar-reklutaġġ:* Il-benefiċċju kien ta' EUR 650 fix-xahar għal massimu ta' 6 xhur imħallas lill-intrapriża li timpjega, bil-kundizzjoni li l-ħaddiem ikun baqa' fl-impjeg għal mill-inqas 6 xhur addizzjonali mit-tmiem tal-inċentiv. L-ebda impjegatur ma għamel użu mill-benefiċċju, possibbilment minħabba li l-perjodu ta' implimentazzjoni attwali kkoinċida mal-lockdown li jirriżulta mill-pandemija.

---

<sup>11</sup> Kif iddikjarat fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tagħti kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG C(2018) 6373, l-Artikolu 4(1) u (2), l-azzjonijiet kellhom jitwettqu sa mhux aktar tard mit-22 ta' Awwissu 2020 u n-nefqa fuq is-servizzi personalizzati kienet eliġibbli sal-istess data.

Matul il-kriżi tal-COVID-19, il-possibbiltà li jiġi segwit it-taħriġ permezz tat-tagħlim mill-bogħod tqieset bħala punt tajjeb ewlieni. Din kienet fakultattiva u, abbażi tal-opinjoni tal-persuni intervistati, kienet ta' suċċess kbir. Il-parteċipanti bbenefikaw mill-flessibbiltà addizzjonali li offriet.

#### 2.4.2. Ir-rata ta' riintegrazzjoni għall-benefiċjarji meġġuna

Sa tmiem il-miżuri 233 (79 %) mill-parteċipanti kienu reġgħu lura fl-impjieg, 213 (91 %) bħala impjegati u 20 (9 %) bħala persuni li jaħdmu għal rashom. Il-parteċipanti sabu xogħol f'varjetà ta' oqsma differenti, inklużi l-kożmetiċi, do-it-yourself, il-bejgħ bl-ingrossa tal-enzimi, il-ġurnaliżmu online u l-akkomodazzjoni turistika.

Madankollu, 12-il xahar wara, l-għadd ta' persuni f'impjieg kien naqas b'7 punti perċentwali għal 72 % tal-parteċipanti kollha. Kwart tan-negozji stabbiliti kienu waqqfu l-attivitajiet u s-sitwazzjoni ta' madwar 20 % tal-parteċipanti ma kinitx magħrufa.

Il-lockdown li rriżulta mill-pandemija tal-COVID-19 fixxkel l-isforzi tal-ħaddiema biex isibu impjiegi ġodda u l-implimentazzjoni bla xkiel tal-miżuri. Madankollu, minħabba dan il-kuntest uniku, ir-rata ta' impjieg mill-ġdid titqies li hija ta' suċċess kbir.

L-intervisti li saru għal dan il-każ matul l-evalwazzjoni *ex post* tal-FEG 2014-2020 jiddeskrivu li l-FEG huwa meqjus aktar flessibbli minn programmi oħra tal-UE peress li jadatta għall-ħtiġijiet tal-benefiċjarji individwali. Dawn ir-rapporti kkonfermaw ukoll li l-FEG iżid valur ma' x'setgħu nkella jagħmlu l-Istati Membri biex jgħinu lill-benefiċjarji fil-mira jsibu impjiegi ġodda u biex jippożizzjonaw ruħhom mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

## 2.5. Eżekuzzjoni finanzjarja

### 2.5.1. Il-kontribuzzjonijiet tal-FEG

Il-FEG huwa strument speċjali tematiku kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027<sup>12</sup>. L-ammont annwali massimu li jista' jintuża mill-FEG huwa ta' EUR 186 miljun fis-sena fi prezzijiet tal-2018, li jikkorrispondi bħala medja għal ammont annwali ta' EUR 209,6 miljun (fi prezzijiet kurrenti) fis-sena matul il-perjodu 2021-2027.

Il-kontribuzzjoni tal-FEG titħallas lill-Istat Membru f'pagament wieħed bħala pagament ta' prefinanzjament ta' 100 % fi żmien 15-il jum tax-xogħol minn meta l-awtorità baġitarja tapprova l-appoġġ tal-FEG.

FI-2021 u FI-2022, l-awtorità baġitarja approvat 14-il kontribuzzjoni tal-FEG li jammontaw għal EUR 51 790 562<sup>13</sup>. Il-kost totali stmat tas-servizzi personalizzati<sup>14</sup> kienet tinkludi 19 % tan-nefqa

<sup>12</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027, ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.

<sup>13</sup> Dan l-ammont ma jinkludix id-deċiżjonijiet ta' assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea. Ara t-Taqsima 2.5.2.

għall-gwida okkupazzjonali, 29 % għat-taħriġ, 24 % għall-promozzjoni tal-intraprenditorija, 24 % għall-allowances u l-inċentivi u 1 % għat-taħriġ wara r-riintegrazzjoni fix-xogħol.

### 2.5.2. Assistenza teknika

Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, u fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni, sa 0,5 % tar-riżorsi finanzjarji tal-FEG disponibbli għas-sena jistgħu jintużaw għall-assistenza teknika. Dan l-ammont għandu jintuża biex jiġu ffinanzjati attivitajiet meħtieġa biex jiġi implimentat ir-Regolament tal-FEG, bħal tħejjija, monitoraġġ u attivitajiet ta' ġbir tad-*data*, il-ħolqien ta' bażi ta' għarfien, appoġġ amministrattiv u tekniku, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, u xogħol ta' awditu, kontroll u evalwazzjoni.

Għall-assistenza teknika, l-awtorità baġitarja għamlet l-ammont ta' EUR 290 000 disponibbli għall-2022. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, ma ntabet l-ebda assistenza teknika fl-2021.

**Tabella 3: Nefqa fuq l-assistenza teknika fl-2022**

Deskrizzjoni	Kost totali bbaġitjat	Impenji reali	Kummenti
Sostenn amministrattiv	EUR 190 000	EUR 22 107,93	Minħabba l-inċertezzji relatati mal-pandemija tal-COVID-19, saret laqgħa waħda biss fiżika (minflok it-tnejn ipplanati oriġinarjament) mal-kuntatti tal-FEG, fl-24 ta' Novembru 2022. L-oħra saret online. Is-seminar ta' networking ma ġiex organizzat minħabba li fitt kien hemm applikazzjonijiet għall-FEG u ż-żmien ma kienx favorevoli biex tiġi organizzata żjara ta' studju. Fir-rigward tal-attivitajiet ta' informazzjoni, saru l-aġġornamenti regolari tas-sit web (mingħajr ħlas), iżda ma twettqet l-ebda attività ta' informazzjoni addizzjonali u ma nholqox materjali, minħabba n-numru relattivament żgħir ta' proġetti.
Appoġġ tekniku	EUR 100 000	EUR 99 982,11	Iż-żamma u l-aġġornament tal-moduli tal-FEG fis-sistema elettronika għall-iskambju tad- <i>data</i> – Sistema Komuni tal-Ġestjoni Kondiviża ta' Fondi (SFC).
<b>Kostijiet totali</b>	<b>EUR 290 000</b>	<b>EUR 122 090,04</b>	

### 2.5.3. Irregolaritajiet irrappurtati

Ma ġiet irrappurtata l-ebda irregolarità lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) 2021/691 fl-2021 u 2022.

<sup>14</sup> Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(a), 7(1)(b) u 7(1)(c) tar-Regolament tal-FEG.

#### 2.5.4. L-istralċ tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-FEG


Każ tal-FEG jiġi stralċjat meta r-rapport finali bl-informazzjoni kollha meħtieġa jkun intbagħat lill-Kummissjoni, ir-rimborżi pendenti kollha jkunu ġew imħallsa u ma jkun meħtieġ li tittieħed l-ebda azzjoni ulterjuri mill-Istat Membru jew mill-Kummissjoni. L-obbligu li d-dokumenti ta' sostenn kollha jibqgħu disponibbli għall-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri għal 3 snin (l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013) jibqa' japplika.

Matul il-perjodu ta' rapportar, kien hemm biss każijiet mill-perjodu 2014-2020 li kienu temmew l-implimentazzjoni u kienu lesti biex jiġu stralċati. Għal dawn il-każijiet, il-proċeduri għall-istralċ tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-FEG huma stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

Fl-2021 u fl-2022, ġew stralċjati għaxar każijiet implimentati bejn l-2015 u l-2020. Ir-rata medja ta' assorbiment kienet ta' 73 %, bl-inqas rata tkun ta' 20 % u l-ogħla 100 %. L-ammont totali ta' fondi li ma ntnefqux u li ngħataw lura lill-Kummissjoni kien ta' EUR 7 889 378, li jammonta għal 28 % tal-kontribuzzjonijiet mogħtija mill-FEG. Id-dettalji ta' dawn il-każijiet huma stabbiliti fit-Tabella 4 hawn taħt.

Ir-rata ta' assorbiment tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-FEG tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri (ara ċ-Ċart 9), bir-rati medji l-aktar baxxi osservati fil-Greċja (20 %) u fin-Netherlands (41 %) u l-ogħla fl-Irlanda u Franza (100 %), fil-Belġju (88 %) u fl-Estonja (73 %).

**Ċart 9: Rata ta' assorbiment medja għal kull Stat Membru (% tal-kontribuzzjoni tal-FEG mogħtija)**



*In-numru ta' każijiet tal-FEG huwa indikat fil-parentesi*

Hemm bosta raġunijiet għaliex l-Istati Membri ma użawx l-ammonti sħaħ li jkunu ngħatawllhom. Filwaqt li l-huma mħeġġa jagħmlu stimi baġitarji realistiċi għall-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati, l-ippjanar akkurat mhux dejjem ikun possibbli fl-istadju tal-applikazzjoni. L-Istati Membri għandhom it-tendenza wkoll li jagħmlu stima eċċessiva tal-baġits u jinkludu marġni għoli ta' sikurezza fil-kalkoli inizjali tagħhom biex inaqqsu r-riskju ta' nfiq eċċessiv jew minħabba li hemm ħafna li ma huwiex magħruf fl-applikazzjoni eż. tal-profilu u l-ħtiġijiet tal-benefiċjarji potenzjali.

Hemm tendenza li n-numru ta' ħaddiema li jixtiequ jipparteċipaw fil-miżuri proposti jkun stmat b'mod eċċessiv fil-fażi tal-ippjanar. Livell aktar baxx ta' parteċipazzjoni milli mistenni jista' jirriżulta jew minn sitwazzjoni ekonomika mtejba fis-suq tax-xogħol jew minn fatturi personali mhux previsti, bħal ħaddiema li jsibu impjegi ġodda waħedhom, nuqqas ta' motivazzjoni jew l-għażla ta' rtirar bikri. Barra minn hekk, xi ħaddiema jistgħu jagħżlu miżuri orħos aktar milli miżuri aktar għaljin, jew miżuri fuq terminu qasir aktar milli fuq terminu twil.

Raġunijiet oħra għal infiq baxx kienu dewmien fil-bidu tal-miżuri, għadd ta' persunal insuffiċjenti għall-implimentazzjoni, użu insuffiċjenti tal-flessibbiltà disponibbli għar-riallokazzjoni tal-fondi bejn il-linji baġitarji jew id-disponibbiltà ta' aktar finanzjament milli kien mistenni inizjalment fil-livell tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni toffri gwida, mill-istadju tal-applikazzjoni 'l quddiem, lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu l-aħjar ġestjoni tal-fondi u jtejbu r-rata ta' implimentazzjoni. Matul il-perjodu ta' 24 xahar, l-ibbaġitjar tal-miżuri u t-tbassir dwar il-parteeċipazzjoni tal-ħaddiem mistennija jitjiebu bl-esperjenza fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni qed tara wkoll titjib fil-kapaċitajiet tad-diversi strutturi ta' koordinazzjoni u implimentazzjoni u l-kwalità tal-komunikazzjoni bejn il-livelli nazzjonali u reġjonali/lokali.

**Tabella 4: Każijiet li ġew stralċati fl-2021 u l-2022**

Referenza għall-FEG	EGF/2015/006	EGF/2016/003	EGF/2017/001	EGF/2017/003	EGF/2017/005	EGF/2017/008	EGF/2017/009	EGF/2017/010	EGF/2018/001	EGF/2018/003	TOTAL
Każ	PWA International	petroleum and chemicals	Castilla y León mining of coal	Attica retail	Retail	Goodyear	Air France	Caterpillar	Financial service activities	Attica Publishing Activities	10 każijiet ta' stralċfl-2021 u fl-2022
Stat Membru	IE	EE	ES	EL	FI	DE	FR	BE	NL	EL	9Stati Membri
Settur (denominazzjoni qasira)	Manutenzjoni tal-ajruplani	Manifattura ta' kokk u ta' prodotti taż-żejt raffinat; Manifattura ta' kimiċi u ta' prodotti kimiċi	Estrazzjoni tal-faħam u tal-linjite	Kummeré bl-imnut	Kummeré bl-imnut	Manifattura ta' prodotti tal-gomma u tal-plastik	Trasport bl-ajru	Makkinarju u Tagħmir	Attivitajiet ta' servizz finanzjarju	Pubblikazzjoni	
Data tal-applikazzjoni	19 Ġun 2015	11 Mej 2016	20-Jan-2017	13-Apr-2017	12 Ġun 2017	6 Ott 2017	23 Ott 2017	18 Diċ 2017	23 Fra 2018	22 Mej 2018	
Ħaddiema ssensjati	108	1,550	339	725	1,660	646	1,858	2,285	1,324	550	11,045
Nies fil-mira (inkl. NEEs)	216	800	464	725	1,500	646	1,858	2,585	450	550	9,794
Skadenza għar-rapport finali	19 Diċ 2017	1-Jan-2019	15 Aww 2018	13-Jan-2020	12 Diċ 2019	1 Lul 2020	23-Apr-2020	18 Ġun 2020	23 Aww 2020	22-Feb-2021	
Data attwali ta'Sottomissjoni tar-rapport finali	19 Diċ 2017	4 Ġun 2019	9 Aww 2018	13-Jan-2020	9 Diċ 2019	25 Aww 2020	24-Apr-2020	8 Ott 2020	25-Nov-2020	18 Ġun 2021	
Data ta' meta ntbagħtet l-ittra ta' stralċ	9-Nov-2021	23 Mej 2022	9 Fra 2022	19 Fra 2021	18-Mar-2021	23 Mej 2022	11 Fra 2022	12-Apr-2021	15-Nov-2021	10 Ott 2022	
Benefiċjarji assistiti(ħaddiema u NEEs)	183	492	198	217	1,467	622	1,858	1772	179	296	7,284
Data tal-bidu tal-miżuri	22 Mej 2015	11 Mej 2016	15-Mar-2017	13 Lul 2017	3 Aww 2016	1-Jan-2018	1 Ott 2015	22 Ott 2016	1-Jan-2018	17 Ott 2019	
Data tat-tmiem tal-miżuri	19 Ġun 2017	31 Diċ 2018	15 Fra 2019	13 Lul 2019	12 Ġun 2019	14 Aww 2019	22-Jul-2018	18 Diċ 2019	31 Diċ 2019	22 Diċ 2020	
<b>II-konsum attwali tal-baġit fir-rigward tal-baġit inizjalment stmat (l-ammonti kollha f'€)</b>											
Baġit totali inizjalment stmat (SM u FEG)Attivitajiet ta' implimentazzjoni u servizzi personalizzati	737,156.00	1,885,597.00	1,670,440.00	4,915,250.00	4,165,600.00	3,608,719.00	16,490,805.00	7,702,694.00	1,987,500.00	3,847,500.00	47,011,261.00
Kontribuzzjoni tal-FEG mogħtija	442,293.00	1,131,358.00	1,002,264.00	2,949,150.00	2,499,360.00	2,165,231.00	9,894,483.00	4,621,616.00	1,192,500.00	2,308,500.00	28,206,755.00
Kontribuzzjoni tal-FEG mogħtija f%(tal-baġit stmat)	60%	60%	60%	60%	60%	60%	60%	60%	60%	60%	
Nefqa attwali (SM u FEG)	792.693*	1,369,206.40	1,051,977.60	1,004,514.40	2,635,479.06	1,657,047.92	16,410,805.00	6,781,058.10	810,684.00	1,404,366.83	33,125,139.31
Sehem tal-FEG tan-nefqa totali eliġibbli attwali	442,293.00	821,523.84	631,186.56	602,708.64	1,581,287.43	994,228.75	9,846,483.00	4,068,634.86	486,410.40	842,620.09	20,317,376.57
Sehem tal-FEG tan-nefqa totali eliġibbli attwali f%	60%	60%	60%	60%	60%	60%	60%	60%	60%	60%	
Finanzjament mill-FEG minfuqa f%	100.00%	72.61%	62.98%	20.44%	63.27%	45.92%	99.51%	88.03%	40.79%	36.50%	72%
Ammont ta' finanzjament tal-FEG mhux minfuq, rimborżat lill-KE	0.00	309,834.16	371,077.44	2,346,441.36	918,072.57	1,171,002.25	48,000.00	552,981.14	706,089.60	1,465,879.91	7,889,378.43
Rata ta' finanzjament tal-FEG mhux minfuq, rimborżat lill-KE f%	0.00%	27.39%	37.02%	79.56%	36.73%	54.08%	0.49%	11.97%	59.21%	63.50%	28%
	100.00%	100.00%	100.00%	100.00%	100.00%	100.00%	100.00%	100.00%	100.00%	100.00%	100.00%

## 2.6. Attivitajiet ta' assistenza teknika mwettqa mill-Kummissjoni

### 2.6.1. Informazzjoni u pubbliċità – sit web

L-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2021/691 jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabilixxi, iżżomm u taġġorna sit web disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE.

Fl-2021 u fl-2022, il-Kummissjoni aġġornat is-sit web tal-FEG<sup>15</sup> b'mod regolari b'informazzjoni rilevanti. Dan jipprovdi gwida dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, informazzjoni dwar applikazzjonijiet aċċettati u miċħuda, u fatti u ċifri ewlenin dwar applikazzjonijiet preċedenti tal-FEG. L-utenti jistgħu jsibu wkoll id-dettalji tal-persuni ta' kuntatt tal-FEG fl-Istati Membri u r-rabtiet mal-pubblikazzjonijiet, mal-aħbarijiet u mal-avvenimenti relatati mal-FEG organizzati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri.

### 2.6.2. Laqgħat mal-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati tal-FEG

Saru erba' laqgħat (laqgħat 25 sa 28) tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG<sup>16</sup> online. Il-laqgħat kienu ddedikati għal każijiet li għaddejjin u għal applikazzjonijiet ipplanati għall-FEG, għall-karatteristiċi l-ġodda tar-Regolament tal-FEG tal-2021-2027, għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki minn każijiet tal-FEG u għal kwistjonijiet rilevanti oħra.

Ma ġie organizzat l-ebda seminar ta' networking tal-FEG fl-2021 jew fl-2022.

### 2.6.3. Sistema ta' skambju elettroniku ta' data (SFC2021)

Fl-2014, il-Kummissjoni fittxet li tissimplifika ulterjorment il-proċeduri billi tinkludi l-FEG fis-Sistema għall-Ġestjoni tal-Fondi fl-Unjoni Ewropea (SFC2014), li hija s-sistema għall-iskambju elettroniku ta' data mal-Istati Membri. Minn April 2015, l-Istati Membri jibagħtu applikazzjonijiet tal-FEG online permezz ta' proċess ta' applikazzjoni gwidat u minn Awwissu 2016 jibagħtu wkoll Rapporti Finali tal-FEG permezz ta' SFC2014. L-użu tal-SFC2014 għall-FEG irriżulta f'applikazzjonijiet aktar akkurati u kompluti. Dan issimplifika l-għbir u l-ipproċessar tad-data u ħaffef ir-rappurtar fuq ir-riżultati tal-FEG. L-applikazzjoni għall-appoġġ tal-FEG permezz tal-SFC2014 ikkontribwiet għat-tnaqqis taż-żmien bejn applikazzjoni minn Stat Membru u l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

F'dan il-perjodu ta' rapportar, iż-żamma tal-moduli tal-SFC 2014-2020 u l-iżvilupp ulterjuri meħtieġ tlestew għall-għeluq tal-każijiet tal-FEG tal-2014-2020.

---

<sup>15</sup> <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=326&langId=mt>

<sup>16</sup> Il-Persuni ta' Kuntatt jiġu nnominati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati. Huwa f'idejn kull Stat Membru li jiddeċiedi min se jirrappreżentah.

Fl-2022, sar żvilupp ulterjuri tal-interfaċċa tal-FEG 2021-2027 fl-SFC2021, b'mod partikolari l-funzjonijiet il-ġodda u aġġustamenti biex l-SFC2021 tiġi allinjata mar-rekwiżiti tar-Regolament tal-FEG 2021-2027.

#### 2.6.4. Evalwazzjoni ex post tal-Kummissjoni tal-FEG 2014–2020

F'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 2021/691, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni *ex post* tal-FEG. L-għan tal-evalwazzjoni huwa li tivvaluta l-effettività, is-sostenibbiltà, l-effiċjenza, il-koerenza, ir-rilevanza u l-valur miżjud tal-UE tal-FEG. L-evalwazzjoni kopriet 49 applikazzjoni approvata tal-FEG (jiġifieri każijiet) sottomessi lill-Kummissjoni bejn l-2014 u Mejju tal-2020<sup>17</sup>.

Fit-13 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppubblikat il-konklużjonijiet tagħha dwar l-evalwazzjoni *ex post* tal-FEG 2014-2020<sup>18</sup>. Dawn huma bbażati fuq is-sejbiet tal-istudju estern<sup>19</sup> ikkuntrattat mill-Kummissjoni, u fuq aktar evidenza miġbura u analizzata mill-Kummissjoni minn rapporti preċedenti dwar il-FEG u evalwazzjonijiet tal-FEG, l-esperjenza tal-persunal tal-Kummissjoni li jimmaniġġa l-FEG, il-kondiviżjoni tal-għarfien mal-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-FEG mill-Istati Membri kollha u l-bażi tad-*data* interna tal-FEG tal-Kummissjoni li tinkludi *data* dwar il-każijiet kollha tal-FEG mill-2007.

L-evalwazzjoni *ex post* tal-FEG 2014-2020 ikkonkludiet li l-FEG kien ta' suċċess fl-għoti ta' appoġġ lil, u fit-turija ta' solidarjetà ma', ħaddiema, persuni li jaħdmu għal rashom, u (f'xi każijiet) żgħażaġh affettwati minn avvenimenti maġġuri ta' ristrutturar.

F'termini tal-valutazzjoni tal-effettività tal-FEG, is-sejba ewlenija tal-istudju kienet żieda fir-rata medja ta' impjeg mill-ġdid tal-ħaddiema ssensjati fis-suq tax-xoġhol. Din żdiedet minn 49 % (fl-2007-2013) għal madwar 60 % (fl-2014-2020), u tvarja minn rata baxxa ta' 18 % għal rata għolja ta' 94 % skont il-każ. Lil hinn mill-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xoġhol, l-FEG ipproduċa effetti pożittivi fit-tul fuq l-impjegabbiltà ġenerali tal-benefiċjarji, bħal ħiliet u kwalifiki ġodda, li jżidu l-fiduċja tagħhom u li jgħallmu kif jużaw in-networks soċjali. Madankollu, dan it-titjib jeħtieġ li jittieħed b'kawtela peress li l-perjodu ta' implimentazzjoni għall-2014-2020 (24 xahar jew itwal jekk

---

<sup>17</sup> Bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2020, l-Istati Membri sottomettew 59 applikazzjoni, li minnhom, 54 applikazzjoni ġew approvati, erba' sussegwentement ġew irtirati u waħda ġiet miċħuda mill-Kunsill. Mis-seba' applikazzjonijiet li waslu fl-2020, applikazzjoni waħda (FEG/2020/001 ES/ Is-setturi anċillari għall-bini tal-vapuri fil-Galicia) kienet koperta mill-istudju ta' appoġġ u s-sitta li jifdal ma setgħux jiġu koperti minħabba li ġew sottomessi fl-aħħar tal-2020. Iċ-ċifri mill-applikazzjonijiet li waslu fl-2020 huma inklużi. Madankollu, peress li r-riżultati se jkun disponibbli biss fl-2023, ma setgħux jiġu analizzati f'dan l-istudju tal-evalwazzjoni *ex post*.

<sup>18</sup> Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni akkumpanjat mir-Rapport mill-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni *ex post* tal-FEG 2014-2020 (SWD(2021) 381 final, 13.12.2021; COM(2021) 788 final, 13.12.2021).

<sup>19</sup> [Study supporting the ex post evaluation of the European Globalisation Adjustment Fund 2014-2020](#)

l-implimentazzjoni tkun bdiet kmieni) ikun biss parzjalment komparabbli ma' dak tal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti 2007-2013<sup>20</sup>.

Peress li l-FEG huwa komplementari għal strumenti oħra tal-UE (b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew), dan joħloq valur miżjud veru tal-UE billi jżid l-għadd u l-varjetà ta' servizzi offruti lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja, kif ukoll il-livell ta' intensità ta' dawk is-servizzi. Jilħaq dan l-għan billi joffri sors addizzjonali ta' appoġġ finanzjarju fuq bażi ta' każ b'każ u appoġġ aktar immirat, imfassal apposta u individwalizzat għall-gruppi fil-mira speċifiċi ħafna li jfittex li jassisti.

Ir-Regolament tal-FEG tal-2021 sal-2027 qies is-sejbiet ta' evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet preċedenti, li ġew ikkonfermati minn din l-evalwazzjoni. Indirizza wkoll il-bieċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri kollha. Il-bidliet f'dan ir-Regolament ġew ippreżentati fir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-attivitajiet tal-FEG fl-2019 u fl-2020<sup>21</sup>.

---

<sup>20</sup> Matul l-2007-2009, il-perjodu ta' implimentazzjoni kien ta' 12-il xahar; dan inbidel minn Lulju 2009 'il quddiem, għal 24 xahar.

<sup>21</sup> COM(2021)486 finali, 20.8.2021.